**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. DONATELLA M. FRENDO DIMECH LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum, 20 ta' Lulju, 2017,**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Vella)**

**-vs-**

**Josef Cassar, detentur tal-Karta ta' l-Identita` bin-numru 545981M**

***Kumpilazzjoni Nru. 747/2014***

Il-Qorti,

Rat l- imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Josef Cassar u cioe` talli:

1. F' April 2014 u fix-xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu fi żmienijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, minn ġewwa GGEC Warehouses gewwa Triq San Bernard, Marsa, ikkommetta serq ta' elettriku għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq ma jaqbizx l-ammont ta' €232.94 u li hu aggravat bil-mezz;

2. Fl-istess perjodu, ikkorrompa uffiċjal jew impjegat pubbliku, liema uffiċjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, talab, irċieva

jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma kellux jedd, u barra milli aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, dan l-istess uffiċjal jew impjegat fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel;

3. Fl-istess perjodu kkorrompa u kien kompliċi ma' uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew ikkorrompa u kien kompliċi ma' impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, liema impjegat sew jekk ma kellux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, esiġa dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-liġi;

4. Fl-istess perjodu kkorrompa u kien kompliċi ma' uffiċjali jew impjegat pubbliku, liema uffiċjal jew impjegat għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju a' xi persuna jew entità oħra, għamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti tal-kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi kienu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tas-17 t'April, 2017,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 261(b), 263, 264(1)(2), 278(1), 283 283A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(ii) Fl-artikoli 17, 18, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti, l-parte leza, u cioe` il-kumpanija Enemalta, iddikjarat li ma baqghala ebda pendenza rigward dan il-kaz u ghalhekk kienet qed tirrinunzja minghajr rizerva ghall-passi kriminali.

Illi l-Qorti tkun qed tonqos serjament jekk ma tosservax li f'kazijiet fejn il-proceduri jkunu ttiehdu bi kwerela tal-parte leza bhala ma hu l-kaz odjern, fejn ikunu anke gew mahtura esperti sabiex jissostanzjaw l-

[1] Fol.177

akkuzi addebitati u dan bi spejjez konsiderevoli ghall-amministrazzjoni tal-Qorti, liema akkuzi sussegwentement jigu estinti bir-rinunzja tal-kwerela meta l-imputat ikun issalda d-debitu tieghu mal-kwerelant, huwa unikament ir-Registratur tal-Qorti li jittrasforma ruhu bhala l-parte leza.

Dan ghaliex filwaqt li hu baghta l-hlas ghall-esperti nominati biex jissostanzjaw l-akkuzi addebitati lill-imputat fuq talba tal-kwerelant, hekk kif issir ir-rinunzja mill-istess kwerelant li jkun gie kkumpensat mill-imputat, ir-Registratur tal-Qorti jigi prekluz minn kull dritt li jirkupra spejjez minnu inkorsi sabiex jigi sostanzjat il-kaz tal-istess kwerelant.

Dan ghaliex l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jipprovdi biss ghal hlas tal-ispejjez peritali f'kazijiet fejn (i) ikun hemm kundanna fil-proceduri li jkunu gew istitwiti (ii) *ex officio*. Min-naha l-ohra l-artikolu 380(1) tal-Kodici Kriminali ma jinkludix ukoll l-artikolu 283A tal-istess Kodici li jaghti setgha lill-Qorti tiddeciedi ukoll fuq l-ispejjez.

Maghdud dan kollu, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 283A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara il-procediment ezawrit.

Tordna notifika lir-Registratur tal-Qorti biex jiehu konjizzjoni ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**